A.L. 342 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR IL-HARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' *L-2001*)

Regolamenti dwar il-Ħarsien u t-*Titjib* tal-Kwalità ta' l-Ilma Ħelu li Jsostni l-Ħajja tal-Ħut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 28 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien u t-Titjib tal-Kwalità ta' l-Ilma Ħelu li Jsostni l-Ħajja tal-Ħut.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu ħekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji li l-Ministru jidħrulu li jkunu meħtieġa jew spedjenti f'konnessjoni mad-disposizzjonijiet li dak l-avviż ikun daħħal fis-seħħ.

Skop u tifsir.

2. (1) Dawn ir-regolamenti jirrigwardaw il-kwalità ta' kull xorta ta' ilma ħelu u japplikaw għal kull ilma msemmi mill-awtorità kompetenti bħala li *jinħtieġ protezzjoni jew titjib biex isostni* il-ħajja tal-ħut.

(2) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-ilma fl-għadajjar naturali jew artifiċjali tal-ħut li jintużaw għall-koltivazzjoni tal-ħut intensiv.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jħarsu jew itejjbu l-kwalità ta' kull ilma ħelu ġieri jew qieghed li jsostni jew li, jekk it-tniġġis ikun imnaqqas jew eliminat, jkun jista' jsostni lil dak il-ħut li jagħmel parti mill-ispeċi indiġeni li joffru diversità naturali jew dawk l-ispeċi li l-preżenza tagħhom titqies bħala waħda mixtieqa għal

skopijiet ta' l-immaniġġjar ta' l-ilma mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' xi Stat.

(4) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"arrikkiment naturali" tfisser il-proċess li bih, mingħajr ebda intervent uman, roqgħa ilma indikata tirċievi mill-ħamrija ta' l-art ċerti sustanzi li jkunu hemmhekk jinsabu;

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent taħt id-direzzjoni tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpi jew persuni differenti jistgħu jiġu hekk imsemmija bħala l-awtorita`` kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"ilma ċiprinidu" tfisser kull ilma li jsostni jew li jkun jista' jsostni ħut li jappartjeni għaċ-ċiprinidi (*Cyprinidae*), jew speċi oħra bħal ma huma t-traċna (*Esox lucius*), id-dott (*Perca fluviatilis*) u s-sallura (*Anguilla anguilla*);

"ilma salmonidu" tfisser kull ilma li jsostni jew li jkun jista' jsostni ħut li jappartjeni għal speċi bħas-salamun (*salmo salar*), it-trota (*Salmo trutta*), it-tork (*Thymallus thymallus*) u l-lhudi (*Coregonus*).

Parametri.

3. (1) Il-parametri fiżiċi u kimiċi applikabbli għal kull ilma msemmi mill-awtoritajiet kompetenti jinsabu elenkati fl-Anness I.

(2) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-parametri, l-ilma jinqasam f'ilma salmonidu u ilma ċiprinidu.

Valuri għall-parametri.

4. (1) L-awtorità kompetenti għandha, għal kull ilma msemmi, tistabbilixxi valuri għall-parametri elenkati fl-Anness I, sakemm il-valuri jkunu elenkati fil-kolonna G jew fil-kolonna I. Dawn għandhom ikunu jaqblu mal-parametri elenkati f'kull waħda minn dawn il-kolonni.

(2) L-awtorità kompetenti m'għandhiex tistabbilixxi valuri inqas iebsin minn dawk elenkati fil-kolonna I tal-Anness I u għandha tagħmel minn kollox biex tħares il-valuri fil-kolonna G filwaqt li tqis il-prinċipju li hemm fir-regolament 9.

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha ssemmi liema jkun l-ilma salmonidu u l-ilma ċiprinidu. Tismija ta' l-ilma.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tirrivedi *t-tismija* ta' xi ilma meta jkun hemm fatturi mhux previsti fiż-żmien li fih issir it-tismija, filwaqt li tqis il-prinċipju li hemm fir-regolament 9.

6. L-awtorità kompetenti *għandha tistabbilixxi* programmi biex jitnaqqas it-tinġis u biex jiġi żgurat li kull ilma msemmi jkun jikkonforma fi żmien ħames snin wara t-tismija tiegħu sew mal-valuri stabbiliti fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti u mal-parametri li hemm fil-kolonni G u *I* ta' l-Anness I. Programmi għat-*tnaqqis* tat-tniġġis.

7. (1) Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tar-regolament 6, l-awtorità kompetenti għandha tqis li kull ilma msemmi jkun jikkonforma *mad-disposizzjonijiet* ta' dawn ir-regolamenti kemm-il darba kampjuni ta' tali ilma, meħudin fl-inqas frekwenza speċifikata fl-Anness I mill-istess post mnejn jittieħdu l-kampjuni u fuq perjodu ta' 12-il xahar, juru li jkunu jikkonformaw kemm mal-valuri stabbiliti *mill-awtorità* kompetenti skond ir-regolament 4 kemm mal-kummenti li hemm fil-kolonni G u I ta' l-Anness I, fil-każ ta': - *95% tal-kampjuni* għall-parametri: pH, BOD5, ammonja mhux ijonizzata, ammonju totali, nitriti, klorina residwa totali, żingu totali, u ram imdewweb: Verifika mill-awtorità kompetenti li hemm konformità.

Iżda meta l-frekwenza tat-teħid *tal-kampjuni* tkun inqas minn kampjun wieħed fix-xahar, kemm il-valuri hawn qabel imsemmija kemm il-kummenti għandhom jiġu mħarsa għall-kampjuni kollha, għar-rigward tal-perċentwali elenkati fl-Anness għall-parametri: temperatura u ossiġnu mdewweb, u għar-*rigward tal-konċentrazzjoni* medja stabbilita għall-parametru: solidi sospiżi.

(2) Dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-valuri stabbiliti mill-awtorità kompetenti skond ir-regolament 4 *jew* il-kummenti li hemm fil-Kolonni G u I ta' l-Anness I ma jkunux imħarsa, m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-perċentwali li hemm ipprovdut dwarhom fis-subregolament (1) meta dawn ikunu kkaġunati minn xi għargħar jew minn xi diżastru naturali ieħor.

8. (1) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni, li l-inqas frekwenza tagħhom *tinsab stipulata* fl-Anness I. Operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni.

(2) Meta l-awtorità kompetenti jirriżultalha li l-kwalità ta' ilma msemmi tkun bilwisq ogħla minn dik li kieku tirriżulta mill-applikazzjoni tal-valuri stabbiliti skond ir-regolament 3 u l-kummenti

li hemm fil-kolonni G u I ta' l-Anness I, il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni tista' titnaqqas:

Iżda meta *ma jkun hemm* ebda tniġġis jew riskju ta' deterjorament fil-kwalità ta' l-ilma, l-awtorità kompetenti involuta tista' tiddeċiedi li ma jkun hemm bżonn tat-teħid ta' ebda kampjun.

(3) Jekk it-teħid tal-kampjuni juri li l-valur stabbilit mill-awtorità kompetenti skond ir-regolament 3 jew kumment li jkun hemm f'xi waħda mill-kolonni G jew I ta' l-Anness I ma jkunx qed jitħares, l-awtorità kompetenti għandha tistabilixxi jekk dan kienx minħabba f'xi *kumbinazzjoni*, f'xi fenomenu naturali jew it-tniġġis u għandha għalhekk tadotta l-miżuri adatti.

(4) Il-post eżatt minn fejn jittieħdu l-kampjuni, id-distanza *minn* dan il-post sa l-eqreb post fejn jiġi mitfugħ il-materjal li jniġġes u l-fond li minnu għandhom jittieħdu *l-kampjuni, jiġi stabbiliti* mill-awtorità kompetenti partikularment abbażi tal-kundizzjonijiet ambjentali lokali.

Metodi ta' analiżi.

9. (1) Xi metodi ta' *riferenza ta' analiżi* għall-parametri inkwistjoni huma stabbiliti fl-Anness I. Laboratorji li jużaw metodi oħra għandhon jiżguraw li r-riżultati miksuba jkunu ekwivalenti jew komparabbli ma' dawk speċifikati fl-Anness I.

(2) Kull implimentazzjoni ta' miżuri li jittieħdu konformi ma' dawn ir-regolamenti ma jistgħu għall-ebda raġuni jwasslu, la direttament u lanqas indirettament, għal iktar tniġġis ta' ilma ħelu.

Valuri aktar iebsin.

10. L-awtorità kompetenti tista' f'kull waqt tistabbilixxi valuri iktar iebsin għall-ilma msemmi minn dawk stipulati f'dawn ir-regolamenti u tista' wkoll tistipula disposizzjonijiet relatati ma' *parametri oħra*, barra minn dawk li hemm ipprovdut dwarhom f'dawn ir-regolamenti.

Deroga.

11. L-awtorità kompetenti tista' tidderoga minn dawn ir-*regolamenti*:

(a) fil-każ ta' ċerti parametri mmarkati (0) fl-Anness I, minħabba kondizzjonijiet ta' temp eċċezzjonali jew ġeografiċi speċjali;

(b) meta xi ilma msemmi jgħaddi minn arrikkiment naturali f'ċerti sustanzi, ħekk li l-valuri stabbiliti fl-Anness I ma jiġux imħarsa.

12. L-awtorità kompetenti għandha tadotta dawk l-emendi li jkunu meħtieġa għall-adattament ta' progress tekniku u xjentifiku, il-valuri G għall-parametri, u l-metodi ta' analiżi, li hemm fl-Anness I skond il-proċedura stipulata fir-regolament 15. Jistgħu jsiru emendi mill-awtorità kompetenti.

13. Persuna tkun ħatja ta' *reat kontra* dawn ir-regolamenti jekk: Reati kontra dawn ir-regolamenti.

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

14. Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel: Pieni.

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda il-qorti għandha tordna lil persuna li tkun insabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti tħallas għall-ispejjeż imġarrba mill-entitajiet pubbliċi u/jew persuni oħra li jagixxu f'isimhom u li jkunu involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u r-restituzzjoni ta' l-ambjent minħabba fir-reat li jkun sar, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Pulizija u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

15. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena. Applikabiltà tal-Qorti Kap 9.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Annessi.

16. L-Annessi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu ppubblikati fil-lingwa Ingliża flimkien mat-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.

ANNEX I

LIST OF PARAMETERS

Parameter	Salmonid waters		Cyprinid waters		*Methods of analysis or inspection*	Minimum sampling and measuring frequency	Observations
	G	I	G	I			
1. Temperature (°C)	1. Temperature measured downstream of a point of thermal discharge (at the edge of the mixing zone) must not exceed the unaffected temperature by more than: 1·5 °C — 3 °C Derogations limited in geographical scope may be decided by Member States in particular conditions if the competent authority can prove that there are no harmful consequences for the balanced development of the fish population 2. Thermal discharges must not cause the temperature downstream of the point of thermal discharge (at the edge of the mixing zone) to exceed the following): 21·5 (0) — 28 (0) 10 (0) — 10 (0) The 10 °C temperature limit applies only to breeding periods of species which need cold water for reproduction and only to waters which may contain such species Temperature limits may, however, be exceeded for 2 % of the time				Thermometry	Weekly, both upstream and downstream of the point of thermal discharge	Over-sudden variations in temperature shall be avoided

Parameter	Salmonid waters		Cyprinid waters		Methods of analysis or inspection	Minimum sampling and measuring frequency	Observations
	G	I	G	I			
2. Dissolved oxygen (mg/l O_2)	50 % ⩾ 9 100 % ⩾ 7	50 % ⩾ 9 When the oxygen concentration falls below 6 mg/l, Member States shall implement the provisions of Article 7 (3). The competent authority must prove that this situation will have no harmful consequences for the balanced development of the fish population	50 % ⩾ 8 100 % ⩾ 5	50 % ⩾ 7 When the oxygen concentration falls below 4 mg/l, Member States shall implement the provisions of Article 7 (3). The competent authority must prove that this situation will have no harmful consequences for the balanced development of the fish population	Winkler's method or specific electrodes (electro-chemical method)	Monthly, minimum one sample representative of low oxygen conditions of the day of sampling However, where major daily variations are suspected, a minimum of two samples in one day shall be taken	
3. pH		6 to 9 (0) (1)		6 to 9 (0) (1)	Electrometry calibration by means of two solutions with known pH values, preferably on either side of, and close to the pH being measured	Monthly	
4. Suspended solids (mg/l)	⩽ 25 (0)		⩽ 25 (0)		Filtration through a 0·45 µm filtering membrane, or centrifugation (five minutes minimum, average acceleration of 2 800 to 3 200g) drying at 105 °C and weighing		The values shown are average concentrations and do not apply to suspended solids with harmful chemical properties Floods are liable to cause particularly high concentrations

Parameter	Salmonid waters		Cyprinid waters		Methods of analysis or inspection	Minimum sampling and measuring frequency	Observations
	G	I	G	I			
5. BOD_5 ($mg/l\ O_2$)	$\leqslant 3$		$\leqslant 6$		Determination of O_2 by the Winkler method before and after five days incubation in complete darkness at 20 ± 1 °C (nitrification should not be inhibited)		
6. Total phosphorus (mg/l P)					Molecular absorption spectrophotometry		In the case of lakes of average depth between 18 and 300 m, the following formula could be applied: $L \leqslant 10 \frac{Z}{Tw} (1 + \sqrt{Tw})$ where: L = loading expressed as mg P per square metre lake surface in one year Z = mean depth of lake in metres Tw = theoretical renewal time of lake water in years In other cases limit values of 0·2 mg/l for salmonid and of 0·4 mg/l for cyprinid waters, expressed as PO_4, may be regarded as indicative in order to reduce eutrophication
7. Nitrites ($mg/l\ NO_2$)	< 0·01		< 0·03		Molecular absorption spectrophotometry		

Parameter	Salmonid waters		Cyprinid waters		Methods of analysis or inspection	Minimum sampling and measuring frequency	Observations
	G	I	G	I			
8. Phenolic compounds (mg/l C_6H_5OH)		(2)		(2)	By taste		An examination by taste shall be made onyl where the presence of phenolic compounds is presumed
9. Petroleum hydrocarbons		(3)		(3)	Visual By taste	Monthly	A visual examination shall be made regularly once a month, with an examination by taste only where the presence of hydrocarbons is presumed
10. Non-ionized ammonia (mg/l NH_3)	⩽ 0·005	⩽ 0·025	⩽ 0·005	⩽ 0·025	Molecular absorption spectrophotometry using indophenol blue or Nessler's method associated with pH and temperature determination	Monthly	Values for non-ionized ammonia may be exceeded in the form of minor peaks in the daytime
	In order to diminish the risk of toxicity due to non-ionized ammonia, of oxygen consumption due to nitrification and of eutrophication, the concentrations of total ammonium should not exceed the following:						
11. Total ammonium (mg/l NH_4)	⩽ 0·04	⩽ 1 (4)	⩽ 0·2	⩽ 1 (4)			
12. Total residual chlorine (mg/l HOCl)		⩽ 0·005		⩽ 0·005	DPD-method (diethyl-*p*-phenylenediamene)	Monthly	The I-values correspond to pH = 6 Higher concentrations of total chlorine can be accepted if the pH is higher

Parameter	Salmonid waters		Cyprinid waters		Methods of analysis or inspection	Minimum sampling and measuring frequency	Observations
	G	I	G	I			
13. Total zinc (mg/l Zn)		⩽ 0·3		⩽ 1·0	Atomic absorption spectrometry	Monthly	The I-values correspond to a water hardness of 100 mg/l $CaCO_3$ For hardness levels between 10 and 500 mg/l corresponding limit values can be found in Annex II
14. Dissolved copper (mg/l Cu)	⩽ 0·04		⩽ 0·04		Atomic absorption spectrometry		The G-values correspond to a water hardness of 100 mg/l $CaCO_3$ For hardness levels between 10 and 300 mg/l corresponding limit values can be found in Annex II

(1) Artificial pH variations with respect to the unaffected values shall not exceed ± 0·5 of a pH unit within the limits falling between 6·0 and 9·0 provided that these variations do not increase the harmfulness of other substances present in the water.

(2) Phenolic compounds must not be present in such concentrations that they adversely affect fish flavour.

(3) Petroleum products must not be present in water in such quantities that they:
- form a visible film on the surface of the water or form coatings on the beds of water-courses and lakes,
- impart a detectable 'hydrocarbon' taste to fish,
- produce harmful effects in fish.

(4) In particular geographical or climatic conditions and particularly in cases of low water temperature and of reduced nitrification or where the competent authority can prove that there are no harmful consequences for the balanced development of the fish population, Member States may fix values higher than 1 mg/l.

General observation:

It should be noted that the parametric values listed in this Annex assume that the other parameters, whether mentioned in this Annex or not, are favourable. This implies, in particular, that the concentrations of other harmful substances are very low.

Where two or more harmful substances are present in mixture, joint effects (additive, synergic or antagonistic effects) may be significant.

G = guide.

I = mandatory.

(0) = derogations are possible in accordance with Article 11.

ANNEX II

PARTICULARS REGARDING TOTAL ZINC AND DISSOLVED COPPER

Total zinc

(see Annex I, No 13, 'Observations' column)

Zinc concentrations (mg/l Zn) for different water hardness values between 10 and 500 mg/l $CaCO_3$:

	Water hardness (mg/l $CaCO_3$)			
	10	50	100	500
Salmonid waters (mg/l Zn)	0·03	0·2	0·3	0·5
Cyprinid waters (mg/l Zn)	0·3	0·7	1·0	2·0

Dissolved copper

(See Annex I, No 14, 'Observations' column)

Dissolved copper concentrations (mg/l Cu) for different water hardness values between 10 and 300 mg/l $CaCO_3$:

	Water hardness (mg/l $CaCO_3$)			
	10	50	100	300
mg/l Cu	0·005 (1)	0·022	0·04	0·112

(1) The presence of fish in waters containing higher concentrations of copper may indicate a predominance of dissolved organo-cupric complexes.